MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Numru 45/2007

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Wayne Delia**
**Ritmark Borg**
**Lyon Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Wayne Delia ta' 21 sena, iben Martin u Mandy nee' Warner, imwieled fil-21 ta' Novembru 1985 fil-Pieta', detentur ta' karta tal-identita 574785M u li residenti fil-fond bin-numru 12, Casa Delia, Triq Maria Addolorata, Paola;

Ritmark Borg ta’ 17 il-sena, iben il-mejjet George u Maria Teresa nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Lulju 1989, detentur ta’ karta tal-identita’ Maltija bin-numru 359789M u residenti fil-fond 109, Triq tal-Borg, Paola u;

Lyon Bonnici ta’ 17 sena, iben Stephen u Catherine nee’ Falzon, imwieled Pieta’ fl-1 t’ Awissu, 1989, detentur ta’ karta tal-identita’ Maltija bin-numru 465489M u residenti fil-fond numru 75, Triq San Mikiel, Fgura gew akkuzati talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Dicembru 2006 ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu, f’ Marsascala, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq minn go caravan li kien ipparkjat fi Triq il-Qaliet, urew dan il-hsieb b’ atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku dan id-delitt sehh kien ikun aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-vjolenza u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok RC 7 u nnutat li l-imputati m’ ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu illi huma hatja.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati kkonfermaw li huma hatja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li fil-konfront ta’ l-imputati Ritmark Borg u Lyon Bonnici japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront ta’ l-imputat Wayne Delia l-artikoli 41(1)(a), 261(a), (b), (c) u (g), 262, 263, 267, 271, 279, 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputati Ritmark Borg u Lyon Bonnici l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(a), (b), (c) u (g), 262, 263, 267, 271, 279, 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rigward l-imputat Wayne Delia issib lill-imsemmi imputat Wayne Delia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat Wayne Delia ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Wayne Delia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-imputati Ritmark Borg u Lyon Bonnici issib lill-imsemmija imputati Ritmark Borg u Lyon Bonnici, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija, il-fedina penali netta tal-imsemmija imputati Ritmark Borg u Lyon Bonnici u l-applikazzjoni tal-artiklu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imsemmija imputati Ritmark Borg u Lyon Bonnici, tillibera lill-istess imputati Ritmark Borg u Lyon Bonnici taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Wayne Delia, Ritmark Borg u Lyon Bonnici l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------